# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

25 ta' Lulju 2008 *

Fil-Kawża C-127/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-High Court (l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-25 ta' Marzu 2008, fil-proċedura

**Blaise Baheten Metock,**

**Hanette Eugenie Ngo Ikeng,**

**Christian Joel Baheten,**

**Samuel Zion Ikeng Baheten,**

**Hencheal Ikogho,**

**Donna Ikogho,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

**Roland Chinedu,**

**Marlene Babucke Chinedu,**

**Henry Igboanusi,**

**Roksana Batkowska**

vs

**Minister for Justice, Equality and Law Reform,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas u K. Lenaerts, Presidenti tal-Awla, A. Tizzano, U. Lõhmus, J. N. Cunha Rodrigues, M. Ilešič (Relatur), J. Malenovský, J. Klučka, C. Toader u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur prinċipali,

wara li rat id-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' April 2008, li l-kawża tinstema' bi proċedura b'urġenza skont l-Artikolu 23(b) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 104(b) tar-Regoli ta' Proċedura,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Ġunju 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal B. Baheten Metock, H. E. Ngo Ikeng, C. J. Baheten u S. Z. Ikeng Baheten, minn M. de Blacam, SC, u J. Stanley, BL, bħala rappreżentanti ta' V. Crowley, S. Burke u D. Langan, solicitors,

— għal H. Ikogho u D. Ikogho, minn R. Boyle, SC, kif ukoll G. O'Halloran, BL, u A. Lowry, BL, bħala rappreżentanti ta' S. Mulvihill, solicitor,

— għal R. Chinedu u M. Babucke Chinedu, minn A. Collins, SC, M. Lynn, BL, u P. O'Shea, BL, bħala rappreżentanti ta' B. Burns, solicitor,

— għal H. Igboanusi u R. Batkowska, minn M. Forde, SC, u O. Ladenegan, BL, bħala rappreżentanti ta' K. Tunney u W. Mudah, solicitors,

— għall-Minister for Justice, Equality and Law Reform, minn D. O'Hagan, bħala aġent, assistit minn B. O'Moore, SC, S. Moorhead, SC, u D. Conlan Smyth, BL,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Daniż, minn J. Bering Liisberg u B. Weis Fogh, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn T. Papadopoulou u M. Michelogiannaki, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċiprijott, minn D. Lisandrou, bħala aġent,

— għall-Gvern Malti, minn S. Camilleri, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u C. ten Dam, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl u T. Fülöp, bħala aġenti,

— għall-Gvern Finlandiż, minn A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn I. Rao, bħala aġent, assistita minn T. Ward, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Maidani u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, p. 77, u r-rettifiki, ĠU 2004, L 229, p. 35, ĠU 2005, L 197, p. 34 u ĠU 2007, L 204, p. 28).

2 Din it-talba qed tiġi ppreżentata fil-kuntest ta' erba' proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju mressqa quddiem il-High Court u huma intiżi sabiex kull waħda minnhom tikseb, b'mod partikolari, digriet ta' *certiorari* li jannulla d-deċiżjoni li biha l-Minister for Justice, Equality and Law Reform (Ministeru tal-Ġustizzja, tal-Ugwaljanza u tar-Riforma Leġiżlattiva, iktar 'il quddiem il-"Minister for Justice") irrifjuta li jagħti

awtorizzazzjoni ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni li tgħix l-Irlanda.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 Id-Direttiva 2004/38 ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikoli 12 KE, 18 KE, 40 KE, 44 KE u 52 KE.

4 L-ewwel sal-ħames premessi u l-ħdax, l-erbatax u l-wieħed u tletin premessa ta' din id-direttiva huma fformulati kif ġej:

"(1) Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni tikkonferixxi lil kull ċittadin ta' l-Unjoni d-dritt primarju u individwali li jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, bla ħsara għal-limitazzjonijiet u għall-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat u għall-miżuri adottati fl-applikazzjoni ta' l-istess.

2) Il-moviment liberu tal-persuni jikkostitwixxi wieħed mil-libertajiet fundamentali fis-suq intern, li jinkludi żona mingħajr fruntieri interni, fejn il-libertà hi żgurata skond id-disposizzjonijiet tat-Trattat.

3) Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun l-istatus fondamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri meta huma jeżerċitaw d-dritt tagħhom ta' moviment

liberu u ta' residenza. Hu għalhekk neċessarju li jiġu kkodifikati u riveduti l-istrumenti komunitarji eżistenti li jittrattaw separament lill-ħaddiema, lill-persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll lill-istudenti u lill-persuni oħrajn mhux attivi sabiex jissimplifikaw u jsaħħu d-dritt ta' moviment liberu u residenza taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni.

(4) Bil-għan li jiġi rrimedjat dan l-approċċ settorjali u frammentarju tad-dritt ta' moviment liberu u residenza u biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, hemm il-bżonn li jkun hemm att leġislattiv uniku [...]

5) Id-dritt taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri għandu, jekk se jiġi eżerċitat taħt il-kondizzjonijiet objettivi tal-libertà u d-dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza [...]

[...]

(11) Id-dritt fondamentali u personali ta' residenza fi Stat Memrbu ieħor hu konferit direttament mit-Trattat fuq iċ-ċittadini ta' l-Unjoni u ma jiddependix fuq it-tlestija tagħhom tal-proċeduri amministrattivi.

[...]

(14) Id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' residenza jew ta' karta [permess] ta' residenza għandhom jiġi speċifikati b'mod komprensiv sabiex jiġu evitati prattiċi jew interpretazzjonijiet amministrattivi diverġenti li jikkostitwixxu ostaklu mhux dovut għall-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom.

[…]

(31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Skond il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni li tinsab fil-Karta, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni bejn il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva minħabba sess, razza, kulur tal-ġilda, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, ilsien, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, sħubija f'minoranza etnika, proprjetà, twelid, diżabilità, età, jew preferenzi sesswali."

5 Skont l-Artikolu 1(a) tagħha, id-Direttiva 2004/38 tirrigwarda, b'mod partikolari, "il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri miċ-ċittadini ta' l-Unjoni u mill-membri tal-familja tagħhom."

6 Skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38, għall-finijiet ta' din tal-aħħar, il-frażi "membru tal-familja" tfisser, *inter alia*, il-konjuġi.

7 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Benefiċjarji", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom."

8 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Dritt ta' dħul", jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet dwar dokumenti ta' vjaġġar applikabbli fil-kontrolli tal-fruntieri nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħallu jidħlu fit-territorju tagħhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għandhom karta ta' l-identità jew passaport li huma validi, kif ukoll lill-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru li għandhom passaport validu.

[…]

2. Il-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru għandhom jiġu mitluba biss li jkollhom visa ta' dħul skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 jew, fejn xieraq, skond il-liġi nazzjonali. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, il-pussess ta' karta [permess] ta' residenza valida msemmija fl-Artikolu 10 għandu jeżenta lil dawn il-membri tal-familja mill-ħtieġa ta' visa.

[…]

5. L-Istat Membru jista' jeħtieġ lill-persuna kkonċernata li tiddikjara l-presenza tagħha fit-territorju nazzjonali fi żmien raġonevoli u mhux diskriminatorju. In-nuqqas li dan l-obbligu jiġi osservat jista' jwassal biex il-persuna kkonċernata tkun suġġetta għal sanzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji."

9 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Dritt ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur" jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti; jew

b) għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza u għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti; jew

c) — miktuba f'istitut privat jew pubbliku, akkreditat jew finanzjat mill-Istat Membru ospitanti skond il-bażi tal-leġislazzjoni jew tal-prattika amministrattiva tiegħu, għall-iskop prinċipali li jiġi segwit kors ta' studju, inkluż taħriġ professjonali; u

— għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti u jassiguraw lill-awtorità nazzjonali rilevanti, permezz ta' dikjarazzjoni jew b'mezzi oħrajn ekwivalenti li jagħżlu huma, li għandhom riżorsi suffiċjenti għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza; jew

[…]

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin ta' l-Unjoni jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) jew (ċ).

[…]"

10 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Formalitajiet amministrattivi għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru", jipprovdi:

"1. Meta l-perjodu ppjanat tar-residenza hu ta' aktar minn tliet xhur, l-Istati Membri għandhom joħorġu karta [permess] ta' residenza lill-membri tal-familja taċ-ċittadin ta' l-Unjoni li m'għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

2. It-terminu perentorju li fih għandha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-karta [permess] ta' residenza m'għandux ikun inqas minn tliet xhur mid-data tal-waslien.

3. In-nuqqas li jiġi osservat l-obbligu ta' applikazzjoni għal karta [permess] ta' residenza jista' jwassal biex il-persuna kkonċernata tkun suġġetta għal sanzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji."

11 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Ħruġ tal-karta [permess] ta' residenza", jipprovdi:

"Id-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni li m'għandhomx ċittadinanza ta' Stat membru għandu jissaħħaħ bil-ħruġ ta' dokument imsejjaħ [...] Karta [permess] ta' residenza ta' membru ta' familja taċ-ċittadin ta' l-Unjoni [...] mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha jippreżentaw l-applikazzjoni. Għandu immedjatament jinħareġ ċertifikat ta' applikazzjoni għall-karta [permess] ta' residenza.

2. Biex tinħareġ il-karta [permess] ta' residenza, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw id-dokumenti li ġejjin:

a) passaport validu;

b) dokument li juri l-eżistenza ta' relazzjoni ta' familja jew ta' unjoni reġistrata;

c) iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew, fin-nuqqas ta' sistema ta' reġistrazzjoni, kwalunkwe evidenza oħra ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti taċ-ċittadin ta' l-Unjoni li qiegħdin jakkumpanjaw jew li se jingħaqdu miegħu;

d) fil-każijiet li jaqgħu taħt il-punti (ċ) u (d) ta' l-Artikolu 2(2), l-evidenza dokumentata li qed jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti;

[...]"

12 L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38, li jinsab fil-Kapitolu VI tagħha intitolat "Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u fuq id-dritt ta' residenza minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u fuq id-dritt ta' residenza minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika" jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà ta' moviment u residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza, minħabba politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika. Dawn ir-raġunijiet m'għandhomx jiġu nvokati għal skopijiet ekonomiċi.

2. Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.

Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati."

13 L-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Abbuż tad-drittijiet", jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-miżuri neċessarji biex jirrifjutaw, itemmu jew jirrevokaw kwalunkwe dritt mogħti b'din id-Direttiva f'każ ta' abbuż jew frodi, bħal żwiġijiet ta' konvenjenza. Kwalunkwe miżura bħal din għandha tkun proporzjonata u bla ħsara għall-garanziji proċedurali previsti fl-Artikoli 30 u 31."

14 Skont l-Artikolu 38 tagħha, id-Direttiva 2004/38 abrogat l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2), hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92, tas-27 ta' Lulju 1992 (ĠU L 245, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1612/68").

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

15 Fid-data tal-fatti prinċipali, id-Direttiva 2004/38 kienet ġiet trasposta fid-dritt Irlandiż bir-Regolament tal-2006 dwar il-moviment liberu tal-persuni fil-Komunitajiet Ewropej [European Communities (Free Movement of Persons) (no 2) Regulations 2006], adottat fit-18 ta' Diċembru 2006 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 (iktar 'il quddiem ir-"regolament tal-2006").

16 L-Artikolu 3(1) u (2) tar-regolament tal-2006 jipprovdi:

"1. Dan ir-regolament għandu japplika

a) għaċ-ċittadini tal-Unjoni,

b) bla ħsara għall-paragrafu 2, għall-membri rrikonoxxuti tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li mhumiex huma stess ċittadini tal-Unjoni, u

c) bla ħsara għall-paragrafu 2, għall-membri awtorizzati tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni.

2. Dan ir-regolament għandu japplika għal membru tal-familja biss jekk dan il-membru tal-familja jgħix legalment fi Stat Membru ieħor u

a) jekk għandu l-intenzjoni jidħol fl-Istat flimkien ma' ċittadin tal-Unjoni li huwa membru tal-familja tiegħu, jew

b) jekk għandu l-intenzjoni li jingħaqad ma' ċittadin tal-Unjoni li huwa membru tal-familja tiegħu, li huwa legalment preżenti fl-Istat."

17 Il-"membri rikonoxxuti tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-2006, jinkludu l-konjuġi taċ-ċittadini tal-Unjoni.

## Il-konroversja fil-kawżi prinċipali

*Il-kawża Metock*

18 B. Baheten Metock, ċittadin tal-Kamerun, wasal fl-Irlanda fit-23 ta' Ġunju 2006 u talab ażil politiku. Din it-talba ġiet miċħuda definittivament fit-28 ta' Frar 2007.

19 H.E. Ngo Ikeng, imwielda ċittadina tal-Kamerun, kisbet iċ-ċittadinanza Brittanika. Hija ilha tgħix u taħdem l-Irlanda mill-aħħar tas-sena 2006.

20 B. Baheten Metock u H.E. Ngo Ikeng iltaqgħu fil-Kamerun fl-1994 u ilhom f'relazzjoni minn dik id-data. Huma għandhom żewġt itfal imwielda fl-1998 u fl-2006 rispettivament. Huma żżewġu fl-Irlanda fit-12 ta' Ottubru 2006.

21 Fis-6 ta' Novembru 2006, B. Baheten Metock applika għal permess ta' residenza bħala l-konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni li taħdem u tgħix l-Irlanda. Din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata permezz ta' deċiżjoni tal-Minister for Justice tat-28 ta' Ġunju 2007, minħabba li B. Baheten Metock ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor, mitluba mill-Artikolu 3(2) tar-regolament tal-2006.

22 B. Baheten Metock, H.E. Ngo Ikeng u t-tfal tagħhom ressqu rikors kontra din id-deċiżjoni.

*Il-kawża Ikogho*

23 H. Ikogho, ċittadin ta' pajjiż terz, wasal fl-Irlanda f'Novembru 2004 u talab ażil politiku. It-talba tiegħu ġiet miċħuda definittivament u l-Minister for Justice ħareġ ordni ta' deportazzjoni fir-rigward tiegħu fil-15 ta' Settembru 2005. Ir-rikors imressaq kontra dan l-ordni ġie miċħud permezz ta' digriet tal-High Court tad-19 ta' Ġunju 2007.

24 D. Ikogho, li hija ċittadina tar-Renju Unit u ċittadina tal-Unjoni, ilha tgħix u taħdem l-Irlanda mill-1996.

25 H. u D. Ikogho ltaqgħu fl-Irlanda f'Diċembru 2004 u żżewġu fis-7 ta' Ġunju 2006.

26 Fis-6 ta' Lulju 2006, H. Ikogho applika għal permess ta' residenza bħala l-konjuġi ta' ċittadina tal-Unjoni li tgħix u taħdem l-Irlanda. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tal-Minister for Justice tat-12 ta' Jannar 2007, minħabba li, fid-dawl tal-ordni ta' deportazzjoni tal-15 ta' Settembru 2005, H. Ikogho kien qed jgħix illegalment fl-Irlanda meta żżewweġ.

27 H. u D. Ikogho ressqu rikors kontra din id-deċiżjoni.

*Il-kawża Chinedu*

28 R. Chinedu, ta' nazzjonalità Niġerjana, wasal fl-Irlanda f'Diċembru 2005 u talab ażil politiku. Din it-talba ġiet miċħuda definittivament fit-8 ta' Awwissu 2006. M. Babucke Chinedu, ta' nazzjonalità Ġermaniża, tgħix l-Irlanda.

29 R. Chinedu u M. Babucke Chinedu żżewġu fl-Irlanda fit-3 ta’ Lulju 2006.

30 Permezz ta’ applikazzjoni li waslet għand il-Minister for Justice fl-1 ta’ Awwissu 2006, R. Chinedu applika għal permess ta’ residenza bħala l-konjuġi ta’ ċittadina tal-Unjoni. Din l-applikazzjoni ħiet miċħuda permezz ta’ deċiżjoni tal-Minister for Justice tas-17 ta’ April 2007, minħabba li R. Chinedu ma ssodisfax il-kundizzjoni ta’ residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor, mitluba mill-Artikolu 3(2) tar-regolament tal-2006.

31 R. Chinedu u M. Babucke Chinedu ressqu rikors kontra din id-deċiżjoni.

*Il-kawża Igboanusi*

32 H. Igboanusi, ta’ nazzjonalità Niġerjana, wasal fl-Irlanda fit-2 ta’ April 2004 u talab ażil politiku. It-talba tiegħu ġiet mċħuda fil-31 ta’ Mejju 2005 u l-Minister for Justice ħareġ ordni ta’ deportazzjoni fir-rigward tiegħu fil-15 ta’ Settembru 2005.

33 R. Batkowska, ta’ nazzjonalità Pollakka, ilha tgħix u taħdem l-Irlanda minn April 2006.

34 H. Igboanusi u R. Batkowska ltaqgħu l-Irlanda u żżewġu fl-24 ta’ Novembru 2006.

35 Fis-27 ta’ Frar 2007, H. Igboanusi applika għal permess ta’ residenza bħala l-konjuġi ta’ ċittadina tal-Unjoni. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda permezz ta’ deċiżjoni tal-Minister for Justice tas-27 ta’ Awwissu 2007, minħabba li H. Igboanusima ssodisfax

il-kundizzjoni ta' residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor, mitluba mill-Artikolu 3(2) tar-regolament tal-2006.

36 H. Igboanusi u R. Batkowska ressqu rikors kontra din id-deċiżjoni.

37 Fis-16 ta' Novembru, H. Igboanusi ġie arrestat u detenut taħt l-ordni ta' deportazzjoni maħruġ fir-rigward teigħu. Huwa ġie ddeportat lejn in-Niġerja f'Diċembru 2007.

*Il-proċedura fil-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari*

38 L-erba' kawżi nstemgħu flimkien quddiem il-qorti nazzjonali.

39 Ir-rikorrenti kollha fil-kawżi prinċipali sostnew, essenzjalment, li l-Artikolu 3(2) tar-regolament tal-2006 mhuwiex konformi mad-Direttiva 2004/38.

40 Huma sostnew li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma konjuġi ta' ċittadini tal-Unjoni, għandhom id-dritt, li jirriżulta minn u huwa dipendenti fuq dak taċ-ċittadin tal-Unjoni, li jiċaqilqu u jgħixu fi Stat Membru li mhuwiex dak li tiegħu dawn tal-aħħar huma ċittadini, u li huwa dritt li jirriżulta biss mir-relazzjoni familjari.

41 Id-Direttiva 2004/38 tirregola b'mod eżawrjenti l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza fi Stat Membru ta' ċittadin tal-Unjoni li għandu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor u tal-membri tal-familja tiegħu, b'tali mod li l-Istati Membri mhumiex awtorizzati jimponu kundizzjonijiet addizzjonali. Peress li din id-direttiva ma tipprevedix kundizzjoni ta' residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor, hekk kif

imposta mil-leġiżlazzjoni Irlandiża, din il-leġiżlazzjoni mhijiex konformi mad-dritt Komunitarju.

42 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali sostnew ukoll li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jsir membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni matul iż-żmien ta' residenza ta' dan tal-aħħar fi Stat Membru li mhuwiex dak li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, jakkumpanja dan iċ-ċittadin, fis-sens tal-Artikoli 3(1) u 7(2) tad-Direttiva 2004/38.

43 Il-Minister for Justice rrisponda, essenzjalment, li d-Direttiva 2004/38 ma tipprekludix il-kundizzjoni ta' residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor prevista fl-Artikolu 3(2) tar-regolament tal-2006.

44 Hemm tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Komunità, li permezz tagħha l-Istati Membri għandhom il-kompetenza fil-qasam ta' ammissjonijiet fi Stat Membru ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jiġu minn barra t-territorju Komunitarju, filwaqt li l-Komunità għandha l-kompetenza li tirregola l-moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom ġewwa l-Unjoni.

45 Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/38 tħalli lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali li jimponu fuq ċittadini ta' pajjiż terz, li huma konjuġi ta' ċittadini tal-Unjoni, kundizzjoni ta' residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-konformità ta' tali kundizzjoni mad-dritt Komunitarju tirriżulta mis-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2003, Akrich (C-109/01, Ġabra p. I-9607), u tad-9 ta' Jannar 2007, Jia (C-1/05, Ġabra p. I-1).

46 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li ebda wieħed minn dawn iż-żwiġijiet ma huwa żwieġ ta' konvenjenza.

47 Peress li l-eżitu tal-kontroversja fil-kawżi prinċipali jeħtieġ interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38, il-High Court iddeċidiet li tissospendi proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva 2004/38/KE tippermetti li Stat Membru jimponi rekwiżit ġenerali li l-konjuġi mhux Komunitarji ta' ċittadin tal-Unjoni jridu jkunu għexu legalment fi Stat Membru ieħor qabel ma jaslu fl-Istat Membru ospitanti sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE?

2) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38/KE japplika għal ċittadin ta' pajjiż terz li:

— huwa l-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti u li jissodisfa kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(1)(a)(b) jew (ċ) tal-imsemmija direttiva, u

— li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti maċ-ċittadin tal-Unjoni bħala l-konjuġi tiegħu,

irrispettivament mill-post u d-data taż-żwieġ tagħhom u tad-data u l-mod kif iċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal fl-Istat Membru ospitanti?

3) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun fin-negattiv, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38/KE japplika għal ċittadin ta' pajjiż terz li huwa l-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li:

— huwa l-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti u li jissodisfa kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(1)(a), (b) jew (ċ); u

— jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti fejn jgħix maċ-ċittadin tal-Unjoni bħala l-konjuġi tiegħu; u

— daħal fl-Istat Membru ospitanti irrispettivament miċ-ċittadin tal-Unjoni, u

— li sussegwentement iżżewweġ liċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti?"

**Fuq l-ewwel domanda**

48 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi jekk id-Direttiva 2004/38 tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teżiġi li ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix f'dan l-Istat Membru li tiegħu huwa m'għandux iċ-ċittadinanza, ikun għex legalment fi Stat Membru ieħor qabel il-wasla tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

49 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/38 ma tissuġġetta l-applikazzjoni ta' din tal-aħħar għall-kundizzjoni li huma jridu jkunu għexu qabel fi Stat Membru.

50 Fil-fatt, skont l-Artikolu 3(1) tagħha, id-Direttiva 2004/38 tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini tal-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 tal-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom f'dan l-Istat Membru. Id-definizzjoni ta' membri tal-familja li tinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38 ma tagħmilx distinzjoni bejn dawk li diġà għexu u dawk li ma għexux legalment fi Stat Membru ieħor.

51 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Artikoli 5, 6(2) u 7(2) tad-Direttiva 2004/38 jagħtu l-benefiċċju tad-drittijiet ta' dħul, ta' residenza sa tliet xhur u ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur fl-Istat Membru ospitanti liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jakkumpanjawh jew li jingħaqdu miegħu f'dan l-Istat Membru, mingħajr ma jirreferu għall-post jew għall-kundizzjonijiet ta' residenza li huma kellhom qabel ma waslu fl-imsemmi Stat Membru.

52 B'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2004/38 jipprovdi li ċittadini ta' pajjiż terz, li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, għandhom ikollhom viża ta' dħul, sakemm dawn m'għandhomx il-permess ta' residenza validu msemmi fl-Artikolu 10 tal-istess direttiva. Sa fejn, hekk kif jirriżulta mill-Artikoli 9(1) u 10(1) tad-Direttiva 2004/38, il-permess ta' residenza huwa dokument li jikkonstata d-dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur fi Stat Membru tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li m'għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, il-fatt li l-imsemmi Artikolu 5(2) jipprevedi d-dħul fl-Istat Membru ospitanti ta' membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li m'għandhomx permess ta' residenza juri biċ-ċar li d-Direttiva 2004/38 tista' tapplika wkoll għall-membri tal-familja li ma jgħixux diġà legalment fi Stat Membru ieħor.

53 Bl-istess mod, l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2004/38, li jelenka b'mod eżawrjenti d-dokumenti li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jistgħu jintalbu jipprovdu lill-Istat Membru ospitanti sabiex jiksbu l-ħruġ ta' permess ta' residenza, ma jipprevedix il-possibbiltà għall-Istat Membru ospitanti li jitlob dokumenti li jiġġustifikaw xi residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-Direttiva 2004/38 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tapplika għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li huwa membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li jakkumpanja jew jingħaqad maċ-ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru li mhuwiex dak li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza u li tagħtih drittijiet ta' dħul u ta' residenza f'dan l-Istat Membru, mingħajr ma tiddistingwi skont jekk l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz kienx jgħix legalment diġà fi Stat Membru ieħor.

55 Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-atti ta' dritt sekondarju fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni adottati qabel id-Direttiva 2004/38.

56 Anki qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2004/38, il-leġiżlatur Komunitarju kien irrikonoxxa l-importanza li tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ħajja tal-familja taċ-ċittadini tal-Istati Membri sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat KE (sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter, C-60/00, Ġabra p. I-6279, punt 38, tal-25 ta' Lulju 2002, MRAX, C-459/99, Ġabra p. I-6591, punt 53; tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-157/03, Ġabra p. I-2911, punt 26; tal-31 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-503/03, Ġabra p. I-1097, punt 41; tas-27 ta' April 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-441/02, Ġabra p. I-3449, punt 109 u tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind, C-291/05, Ġabra p. I-10719, punt 44).

57 Għal dan l-għan, il-leġiżlatur Komunitarju wessa' ħafna, fir-Regolament Nru 1612/68 u fid-direttivi dwar il-moviment liberu tal-persuni adottati qabel id-Direttiva 2004/38, l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju fil-qasam ta' dħul u ta' residenza fit-territorju ta' Stati Membri fir-rigward ta' ċittadini ta' stati terzi, miżżewġin ma' ċittadini ta' Stati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).

58 Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 50 u 51 tas-sentenza Akrich, iċċitata iktar 'il fuq, li, sabiex jibbenefika mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni, għandu legalment jgħix fi Stat Membru meta jmur ġo Stat Membru ieħor li lejh iċ-ċittadin tal-Unjoni ser jemigra jew emigra. Madankollu, din il-konklużjoni

għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Fil-fatt, il-benefiċċju ta' tali drittijiet ma jistax jiddependi fuq residenza legali preċedenti ta' tali konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq MRAX, punt 59, u tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 28).

59 L-istess interpretazzjoni għandha tiġi adottata *a fortiori* fir-rigward tad-Direttiva 2004/38 li emendat id-Direttiva Nru 1612/68 u abrogat id-direttivi preċedenti dwar il-moviment liberu ta' persuni. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mit-tielet premessa tagħha, id-Direttiva 2004/38 għandha bħala għan li "[issaħħaħ] d-dritt ta' moviment liberu u residenza taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni", b'tali mod li ċ-ċittadini tal-Unjoni ma jistgħux jkollhom inqas drittijiet b'din id-direttiva milli b'dawk l-atti ta' dritt sekondarju li hija temenda jew tħassar.

60 Fit-tieni lok, l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38 imsemmija hawn fuq hija konformi mat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Komunità.

61 Fil-fatt, huwa kostanti li l-Komunità tieħu mill-Artikoli 18(2) KE, 40 KE, 44 KE u 52 KE — li abbażi tagħhom ġiet adottata d-Direttiva 2004/38 — il-kompetenza sabiex toħroġ il-miżuri neċessarji sabiex jinkiseb il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Ewropa.

62 F'dan ir-rigward, hekk kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 56 ta' din is-sentenza, kieku ċ-ċittadini tal-Unjoni ma kellhomx id-dritt li jkollhom ħajja ta' familja normali fl-Istat Membru ospitanti, l-eżerċizzju tal-libertajiet mogħtija lilhom mit-Trattat ikun serjament ostakolat.

63 Għaldaqstant, fil-kuntest tal-kompetenza li huwa għandu skont l-imsemmija artikoli tat-Trattat, il-leġiżlatur Komunitarju jista' jirregola l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istati Membri, meta l-impossibbiltà għaċ-ċittadin tal-Unjoni li jkun akkumpanjat mill-familja tiegħu jew li hija tingħaqad miegħu fl-Istat Membru ospitanti tista' tippreġudika l-libertà tiegħu ta' moviment billi tiskoraġġih milli jeżerċita d-drittijiet ta' dħul u ta' residenza f'dan l-istess Stat Membru.

64 Ir-rifjut tal-Istat Membru ospitanti li jagħti d-drittijiet ta' dħul u ta' residenza lill-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jista' jiskoraġġixxi lil dan tal-aħħar milli jiċċaqlaq jew milli jirrisjedi f'dan l-Istat Membru, anki jekk il-membri tal-familja tiegħu ma jgħixux diġà fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

65 Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur Komunitarju għandu l-kompetenza li jirregola, kif għamel bid-Direttiva 2004/38, id-dħul u r-residenza taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru li fih dan tal-aħħar eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, inkluż meta l-membri tal-familja ma kinux diġà legalment residenti fi Stat Membru ieħor.

66 Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-Minister for Justice kif ukoll ta' diversi gverninjiet li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, li l-Istati Membri jibqgħu esklużivament kompetenti, bla ħsara għat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat, sabiex jirregolaw l-ewwel dħul fit-territorju Komunitarju tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li huma ċittadini ta' pajjiż terz, ma tistax tiġi aċċettata.

67 Wara kollox, jekk tiġi rrikonoxxuta lill-Istati Membri kompetenza esklużiva sabiex jagħtu jew jirrifjutaw id-dħul u r-residenza fit-territorju tagħhom liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li ma kinux diġà jgħixu legalment fi Stat Membru ieħor, dan ikollu bħala effett li l-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni fi Stat Membru li tiegħu huma mhumiex ċittadini, tvarja minn Stat Membru għal ieħor, skont id-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali fil-qasam tal-immigrazzjoni fejn ċerti Stati Membri jawtorizzaw id-dħul u r-residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni u oħrajn jirrifjutawhom.

68 Tali riżultat mhuwiex konformi mal-għan previst fl-Artikolu 3(1)(c) KE ta' suq intern karatterizzat bit-tneħħija, bejn l-Istati Membri, tal-ostakoli għall-moviment liberu ta' persuni. L-istabbiliment ta' suq intern jimplika li l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru, li tiegħu hu m'għandux iċ-ċittadinanza, ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, il-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni għandha tiġi interpretata bħala d-dritt li wieħed jitlaq kwalunkwe Stat Membru u b'mod partikolari l-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità, sabiex jistabbilixxi ruħu, bl-istess kundizzjonijiet,

fi kwalunkwe Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità.

69 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni msemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza twassal għar-riżultat kontradittorju li Stat Membru jkun obbligat, taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal rijunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, p. 12), li jawtorizza d-dħul u r-residenza tal-konjuġi ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jgħix legalment fit-territorju tiegħu fejn il-konjuġi mhuwiex diġà residenti legalment fi Stat Membru ieħor, iżda jkun liberu li jirrifjuta d-dħul u r-residenza tal-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni fl-istess ċirkustanzi.

70 Konsegwentement, id-Direttiva 2004/38 tagħti lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li huma membru tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru li mhuwiex dak l-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, drittijiet ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, irrispettivament mill-fatt li l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz għex jew ma għex diġà legalment fi Stat Membru ieħor.

71 Il-Minister for Justice kif ukoll diversi gvernijiet li ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom madankollu jsostnu li, f'kuntest ikkaratterizzat minn pressjoni qawwija ta' migrazzjoni, huwa neċessarju li tiġi kkontrollata l-immigrazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Komunità u dan jippreżupponi eżami individwali taċ-ċirkustanzi kollha li jikkonċernaw l-ewwel dħul fit-territorju Komunitarju. Interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38 li tipprojbixxi lil Stat Membru milli jeżiġi residenza legali preċedenti fi Stat Membru ieħor tnaqqas is-setgħa tal-Istati Membri li jikkontrollaw l-immigrazzjoni fil-fruntieri esterni tagħhom.

72 Il-Minister for Justice jsostni, b'mod partikolari, li din l-interpretazzjoni għandha konsegwenzi serji għall-Istati Membri billi twassal għal żieda qawwija tan-numru ta' persuni li jistgħu jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fil-Komunità.

73 F'dan ir-rigward, ir-risposta għandha tkun, minn naħa, li mhux iċ-ċittadini ta' pajjiż terz kollha jibbenefikaw permezz tad-Direttiva 2004/38 mid-drittijiet ta' dħul u ta' residenza ta' Stat Membru, iżda biss dawk li huma membri tal-familja, fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, ta' ċittadin tal-Unjoni li eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu billi stabbilixxa ruħu fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza.

74 Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2004/38 ma tipprivax l-Istati Membri minn kull setgħa ta' kontroll fuq id-dħul fit-territorju tagħhom tal-membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni. Fil-fatt, skont it-Titolu IV tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jistgħu, meta dan ikun ġustifikat, jirrifjutaw id-dħul u r-residenza għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Tali rifjut huwa bbażat fuq eżami individwali tal-każ inkwistjoni.

75 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/38, l-Istati Membri jistgħu jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jirrifjutaw, itemmu jew jirrevokaw kwalunkwe dritt mogħti b'din id-direttiva fil-każ ta' abbuż jew frodi, bħal żwiġijiet ta' konvenjenza, dejjem bil-kundizzjoni li kull miżura bħal din għandha tkun proporzjonata u bla ħsara għall-garanziji proċedurali previsti mill-imsemmija direttiva.

76 L-istess gvernijiet isostnu wkoll li l-imsemmija interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38 twassal għal diskriminazzjoni inversa mhux ġustifikata, inkwantu ċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti li qatt ma eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu ma jibbenefikawx minn drittijiet ta' dħul u ta' residenza permezz tad-dritt Komunitarju għall-membri tal-familja tagħhom li huma ċittadini ta' pajjiż terz.

77 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza kostanti li r-regoli tat-Trattat fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni u l-atti għall-implementazzjoni tagħhom ma jistgħux jiġu applikati għal attivitajiet li ma jippreżentaw l-ebda fattur ta' rabta ma' kull waħda mis-sitwazzjonijiet previsti mid-dritt Komunitarju u fejn l-elementi rilevanti kollha tagħhom huma ristretti għal Stat Membru wieħed (sentenza tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u Gouvernement wallon, C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 33).

78 Għaldaqstant, id-differenza eventwali ta' trattament bejn dawn iċ-ċittadini u dawk li eżerċitaw il-libertà tagħhom ta' moviment, fir-rigward tad-dħul u tar-residenza tal-membri tal-familja tagħhom, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju.

79 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-Istati Membri kollha huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li tistabbilixxi, fl-Artikolu 8 tagħha, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

80 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-Direttiva 2004/38 tippreklud i leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teżiġi li ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix f'dan l-Istat Membru li tiegħu huwa m'għandux iċ-ċittadinanza, irid jkun għex legalment fi Stat Membru ieħor qabel il-wasla tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

## Fuq it-tieni domanda

81 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk il-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu billi jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru li tiegħu m'għandux iċ-ċittadinanza, jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 u, b'dan, jistax jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, irrispettivament mill-post u d-data taż-żwieġ, kif ukoll iċ-ċirkustanzi li fihom daħal fl-Istat Membru ospitanti.

82 Fl-ewwel lok, għandu jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-ewwel, mir-raba' u mill-ħdax-il premessi, id-Direttiva 2004/38 tfittex li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali u indiviwali li wieħed jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri li huwa mogħti direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-Trattat.

83 Barra minn hekk, hekk kif tenfasizza l-ħames premessa tad-Direttiva 2004/38, id-dritt taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri għandu, jekk ser jiġi eżerċitat taħt il-kundizzjonijiet oġġettivi ta' libertà u dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza.

84 Fid-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2004/38, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv u m'għandhomx, f'kull każ, jiġu pprivati mill-effett utli tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Eind, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).

85 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 jipprovdi li din id-direttiva tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini tal-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 tal-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom.

86 L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2004/38 dwar id-dritt ta' residenza sa tliet xhur u d-dritt ta' residenza għal iktar minn tliet xhur rispettivament, jeżiġu wkoll li l-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li m'għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru għandhom "jakkumpanjaw" jew "jingħaqdu" ma' dan tal-aħħar fl-Istat Membru ospitanti sabiex jibbenefikaw minn dritt ta' residenza.

87 Fl-ewwel lok, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jeżiġu li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun beda diġà familja fil-mument li huwa mar fl-Istat Membru ospitanti sabiex il-membri tal-familja tiegħu, li huma ċittadini ta' pajjiż terz, ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet stabbiliti mill-imsemmija direttiva.

88 Billi ppreveda li l-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni jistgħu jingħaqdu ma' dan tal-aħħar fl-Istat Membru ospitanti, il-leġiżlatur Komunitarju, għall-kuntrarju, aċċetta l-possibbiltà li ċittadin tal-Unjoni jibda familja wara li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu.

89 Tali interpretazzjoni hija konformi mal-għan tad-Direttiva 2004/38, li tfittex li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni fi Stat Membru li mhuwiex dak li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza. Fil-fatt, meta ċittadin tal-Unjoni jkollu familja wara li jkun stabbilixxa ruħu fl-Istat Membru ospitanti, ir-rifjut ta' dan l-Istat Membru li jawtorizza l-membri tal-familja tiegħu li huma ċittadini ta' pajjiż terz biex jingħaqdu miegħu hemmhekk jista' jiskoraġġih milli jkompli jgħix hemm u jinkoraġġih jitlaq minn hemm sabiex ikun jista' jgħix ħajja familjari fi Stat Membru jew f'pajjiż terz.

90 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jibbenefikaw permezz tad-Direttiva 2004/38 mid-dritt li jingħaqdu ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, kemm jekk stabbilixxa ruħu qabel u kemm stabbilixxa ruħu wara li jkun beda familja.

91 Fit-tieni lok, għandu jiġi ddeterminat jekk, meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal fi Stat Membru qabel ma sar membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix f'dan l-Istat Membru, dan jakkumpanjax jew jingħaqadx ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38.

92 Huwa irrilevanti jekk iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni daħlux fl-Istat Membru ospitanti qabel jew wara li saru membri tal-familja ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, peress li r-rifjut tal-Istat Membru ospitanti li jagħtihom dritt ta' residenza jista' bl-istess mod jiskoraġġixxi l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni li jgħix ġo dan l-Istat Membru.

93 Għaldaqstant, fid-dawl tan-neċessità li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 ma jiġux interpretati b'mod restrittiv u li ma jiġux ipprivati mill-effett utli tagħhom, il-kliem "[il-]membri tal-familja [ta' ċittadini tal-Unjoni] li [jakkumpanjawhom]", li jinsabu fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li jirreferu kemm għall-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li daħlu ma' dan tal-aħħar fl-Istat Membru ospitanti kif ukoll dawk li jgħixu miegħu f'dan l-Istat Membru, mingħajr, f'dan it-tieni każ, ma hemm bżonn li ssir distinzjoni abbażi ta' jekk iċ-ċittadini ta' pajjiż terz daħlux fl-imsemmi Stat Membru qabel jew wara

ċ-ċittadin tal-Unjoni, jew abbażi ta' jekk daħlux qabel jew wara li saru membri tal-familja tiegħu.

94 L-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 għall-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li "jakkumpanjaw" jew "jingħaqdu" ma' dan tal-aħħar biss, hija ekwivalenti għal limitazzjoni tad-drittijiet ta' dħul u ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru fejn dan jgħix.

95 Mill-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li huwa membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, dan igawdi permezz tad-Direttiva 2004/38 minn drittijiet ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti u jista' jirrestringi dan id-dritt biss taħt l-Artikoli 27 u 35 ta' din id-direttiva.

96 L-osservanza tal-imsemmi Artikolu 27 hija meħtieġa b'mod partikolari meta l-Istat Membru jixtieq jippenalizza ċ-ċittadin ta' pajjiż terz talli daħal u/jew talli għex fit-territorju tiegħu bi ksur tar-regoli nazzjonali fil-qasam tal-immigrazzjoni, qabel ma jkun sar membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

97 Mandankollu anki jekk il-kondotta personali tal-interessat ma tiġġustifikax l-adozzjoni ta' miżuri ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika, fis-sens tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38, l-Istat Membru għandu dritt li jieħu kontrih sanzjonijiet oħrajn li ma jostakolawx il-libertà ta' moviment u ta' residenza, bħal multa, bil-kundizzjoni li dawn ikunu proporzjonati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza MRAX, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 Fit-tielet lok, la l-Artikolu 3(1) u lanqas xi dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2004/38 ma jinkludu rekwiżiti fir-rigward tal-post fejn seħħ iż-żwieġ taċ-ċittadin tal-Unjoni u taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

99 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix fi Stat Membru li tiegħu mhuwiex ċittadin, li jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, igawdi mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, irrispettivament mill-post u d-data taż-żwieġ tagħhom kif ukoll mill-mod kif dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal fl-Istat Membru ospitanti.

**Fuq it-tielet domanda**

100 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda preliminari, mhemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

101 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati**

**Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li teżiġi li ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix f'dan l-Istat Membru li tiegħu huwa m'għandux iċ-ċittadinanza, irid ikun għex legalment fi Stat Membru ieħor qabel il-wasla tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.**

2) **L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix fi Stat Membru li tiegħu mhuwiex ċittadin, li jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, igawdi mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, irrispettivament mill-post u d-data taż-żwieġ tagħhom kif ukoll mill-mod kif dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal fl-Istat Membru ospitanti.**

Firem